A.L. 357 ta' l-2004

ATT TA' l-2002 DWAR IS-SIGURTÀ FL-IKEL (ATT NRU. XIV ta' 2002)

Regolamenti ta' l-2004 dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Provisti Privati ta' Ilma maħsub għall-Konsum mill-Bniedem

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 10 ta' l-Att ta' l-2002 dwar is-Sigurtà fl-Ikel, il-Ministru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2004 dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Provisti Privati ta' Ilma maħsub għall-Konsum mill-Bniedem.

Tifsiriet.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra:

"l-Att" tfisser l-Att ta' l-2002 dwar is-Sigurtà fl-Ikel;

"Awtorità tas-Saħħa" tfisser l-uffiċjal pubbliku li jkun responsabbli għas-saħħa pubblika skond ma hemm l-Ordinanza dwar l-Organizzazzjoni tad-Dipartiment tas-Saħħa jew kull liġi oħra li tissostitwiha; Kap. 94.

"nisġa ta' distribuzzjoni" tfisser kull metodu li biħ ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem jinġarr ġos-sistema ta' distribuzzjoni domestika;

"provista ta' ilma privat" tfisser kull ilma tax-xorb li ma jkunx distribwit permezz ta' nisġa ta' distribuzzjoni.

Skop.

3. (1) Dawn ir-regolamenti japplikaw għar-reġistrazzjoni ta' provisti privati ta' ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem u għandhom jinkludu kull ilma, kemm dak fl-istat oriġinali tiegħu kemm wara trattament, maħsub biex jinxtorob, għat-tisjir, preparazzjoni ta' ikel jew skopijiet domestiċi oħra, li ma jkunx fornut minn nisġa ta' distribuzzjoni, u għandu jinkludi wkoll ilma li ġie pproċessat minn impjant ta' trattament privat, inkluż impjant ta' *reverse osmosis*, u ilma fornut minn tanker jew b' xi metodu ieħor ta' trasport għajr minn nisġa ta' distribuzzjoni wżata minn persuna awtorizzata.

(2) Id-disposizzjonijiet tas-subregolament (1) ta' dan ir-regolament jinkludu ilma privat li -

(a) jiġi fornut f'postijiet ta' produzzjoni kummerċjali ta' l-ikel, li jinkludu l-manifattura, l-ipproċessar, il-preservazzjoni, il-preparazzjoni jew ir-reklamar ta' ikel jew xorb għall-bejgħ;

(b) jiġi fornut lil lukandi u ristoranti li jippreparaw ikel jew xorb għall-konsum fuq il-post;

(ċ) jiġi fornut fi sptarijiet, istituzzjonijiet residenzjali oħra u canteens tal-ħaddiema;

(d) jiġi fornut f'siti ta' kampeġġ, villaġġi turistiċi, proprjetà wżata għall-kirjiet ta' vakanzi u stabbilimenti oħra simili fejn ikun hemm nies ġejjin u sejrin il-ħin kollu;

(e) għandu jinuża għall-ħasil ta' prodotti wara l-ħsad, fejn il-kwalità ta' l-ilma tista' tolqot l-kwalita' ta' l-ikel jew xorb ipproċessat għall-konsum mill-bniedem;

(f) jiġi fornut bhala provvista bi skopijiet diversi, biex isservi kemm għal fondi domestiċi kemm għal stabbilimenti ta' produzzjoni ta' l-ikel u stabbilimenti fejn ikun hemm nies ġejjin u sejrin il-ħin kollu;

(ġ) jkun ilma bottiljat.

(3) Id-disposizzjonijiet tas-subregolament (1) u (2) ta' dan ir-regolament ma japplikawx għal provisti privati ta' ilma li jfornu djar privati għal-skopijiet biss ta' użu domestiku kemm jekk il-provista tkun proprjetà ta' min ikun qed jużaha, kemm jekk din tittieħed minn xi għajn jew tiġi fornuta minn fornitur privat ta' l-ilma. F'dan il-każ is-sidien ikunu responsabbli li jivverifikaw il-kwalità ta' l-ilma u ta' l-użu li jkun sar minnu.

Reġistrazzjoni ta' provvisti privati ta' l-ilma.

4. (1) Ħadd ma jista' bl'ebda mod iforni, iqassam jew jagħmel użu minn ilma ġej minn provvista ta' l-ilma privata kemm-il darba dik il-provista ma tkunx qabel ġiet reġistrata ma' l-awtorità tas-saħħa.

(2) Ir-reġistrazzjoni ta' provvista privata ta' l-ilma taħt dan ir-regolament ma għandhiex teżenta lil proprjetarju mill obbligazzjoni li japplika għal, u li jikseb kull liċenzja ohra jew permess ieħor mehtieġ li jistgħu jiġu mitluba minn xi awtorità kompetenti.

5. (1) Ir-reġistrazzjoni għandha ssir bil-miktub fuq il-formola preskritta li tinkiseb mingħand l-Awtorità tas-Saħħa, u li tiġi mimlija u ppreżentata fl-uffiċċju indikat kif imiss. Metodu ta' reġistrazzjoni.

(2) Il-partikolaritajiet li jingħataw fuq il-formola ta' reġistrazzjoni ma għandhomx ikunu qarrieqa, mhux eżatti jew mhux kompleti.

(3) Għandha timtela formola seperata ta' reġistrazzjoni għal kull għajn ta' provista ta' ilma privat.

(4) L-Awtorità tas-Saħħa għandha titlob lill-fornitur privat ta' l-ilma juri r-riżultati ta' l-analiżi tal-kwalità ta' l-ilma qabel ma ssir ir-reġistrazzjoni ta' xi għajn, biex jikkonferma kemm dik l-għajn ta' l-ilma jkollha ilma tajjeb għall-konsum mill-bniedem.

(5) L-Awtorità tas-Saħħa ma għandhiex tirreġistra għajn ta' l-ilma, kemm il darba ma jkunux ġew imħarsa d-disposizzjonijiet kollha rilevanti ta' dawn ir-regolamenti u ta' regolamenti oħra li għandhom x' jaqsmu magħhom.

(6) L-Awtorità tas-Saħħa tista' f'kull waqt tneħħi mir-reġistru għajn ta' l-ilma kemm-il darba ma jiġux imħarsa d-disposizzjonijiet rilevanti ta' dawn ir-regolamenti u ta' regolamenti oħra li għandhom x' jaqsmu magħhom.

(7) Kull persuna li tonqos milli tirreġistra xi għajn ta' l-ilma ma' l-Awtorità tas-Saħħa jew tonqos milli thares il-ħtiġiet ta' dawn ir-regolamenti u ta' regolamenti oħra li għandhom x' jaqsmu magħhom, tkun ħatja ta' reat taħt dan l-Att.

6. L-Awtorità tas-Saħħa għandha żżomm reġistru ta' kull provvista privata ta' ilma li tkun ġiet reġistrata. Reġistru ta' provvisti privati ta' l-ilma.

7. Meta jinbidel il-fornitur ta' l-ilma privat, il-fornitur il-ġdid għandu, fi zmien 28 ġurnata wara d-data tal-bidla, jipprovdi lill-Awtorità tas-Saħħa b' dawk il-partikolarijiet kollha meħtieġa taħt ir-regolament 5: Emenda ta' l-inserzjonijiet fir-reġistru.

Iżda meta xi provvista privata ta' ilma ma tibqax intiża li tintuża bħala tali, il-fornitur għandu jinforma lill-Awtorità tas-Saħħa dwar dan bil-miktub fi zmien 28 ġurnata minn dan il-waqfien:

Iżda wkoll meta il-waqfien ikun minħabba f'xi xogħol ta' manutenzjoni, dan ma jkollux għalfejn jiġi avżat lill-Awtorità tas-Saħħa.

Reati.

8. Kull persuna li tikser id-disposizzjonijiet tar-regolamenti 4, 5 u 7 tkun ħatja ta' reat kontra l-Att.